# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 262/2017**

**Il-Pulizija**
**(Supt. Robert Vella)**

**Vs**

**George Cassar**
**(K.I. 415362M)**

**Joseph Grech**
**(K.I. 534363M)**

**Anthony Sammut**
**(K.I. 58253M)**

**Illum, 24 ta' April, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **George Cassar** ta' 54 sena, iben Anthony u Maria Dolores xebba Portelli imwieled ġewwa Ħal-Qormi, nhar it-28 ta' Ġunju, 1962, residenti ġewwa fond numru 22, Aquila, Triq Karmenu Camilleri, Ħal-Qormi, u detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 415362M, u kontra **Joseph Grech** ta' 53 sena, iben Emanuel u Mary xebba Mifsud, imwieled ġewwa tal-Pietà, nhar is-06 ta' Ottubru, 1963, residenti ġewwa fond 47, Joe Ann, Triq San Girgor, Pietà, u detentur tal-

karta ta' l-identità bin-numru 534363M u kontra **Anthony Sammut** ta' 64 sena, iben Joseph u Concetta xebba Theuma, imwieled ġewwa Birkirkara nhar il-25 ta' Diċembru, 1952, residenti ġewwa fond numru 71, Strand Mansions, Flat 9, Ix-Xatt, Sliema, u detentur tal-karta ta' l-Identità bin-numru 58253M u akkużati kif ġej:

1) Fil-waqt li nakkuża lilek George Cassar, fil-kapaċità tiegħek personali u/jew bħala persuna li tħaddem, u lilek Joseph Grech fil-kapaċità tiegħek ta' 'Project Supervisor' waħedkom, tali nhar it-23 ta' Frar, 2016, għall-ħabta tal-4:30 ta' filgħaxija, fuq sit ta' kostruzzjoni sitwat ġewwa Triq id-Duluri, Pieta' b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl'arti jew fil-professjoni tagħkom jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti ikkaġunajtu l-mewt ta' Samuel Camilleri, u dan ai termini tal-Artikolu 225 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) Akkużat ukoll George Cassar waħdek, talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi u/jew fil-ġranet ta' qabel, inqast milli tħares is-saħħa u sigurtà ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi nqast milli tieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol, u dan ai termini ta' l-Artikoli 6 (1)(2) ta' l-Att 27/2000 Kap 424;

3) Akkużat ukoll George Cassar waħdek, talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi u/jew fil-ġranet ta' qabel bħala persuna li tħaddem, nqast li tagħmel, jew li tiżgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha li jistgħu jkunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha tal-attività tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurta tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, inkluż dawk li jżuru l-post tax-xogħol, liema

riskji jirriżultaw mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija tal-impriża, u dan ai termini ta' l-Artikolu 10(1) ta' l-A.L. 36/03 (S.L.424.18);

4) Akkużat ukoll George Cassar waħdek, talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi u/jew fil-ġranet ta' qabel , bħala persuna li tħaddem ħames ħaddiema jew aktar, inqast milli żżomm fil-pussess tiegħek kopja bil-miktub jew li tista' tinkiseb b'mod elettroniku dawn l-evalwazzjonijiet, u li tiżgura li jkunu aġġornati regolarment, u dan ai termini ta' l-Artikolu 10 (2) ta' A.L. 36/03 (S.L424,18);

5) Akkużat ukoll George Cassar waħdek, talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi u/jew fil-ġranet ta' qabel bħala persuna li tħaddem, inqast li tieħu l-miżuri neċessarji sabiex waqgħat mill-għoli ikunu fiżikament evitati partikularment permezz ta' benniena solidi li jkunu għoljin biżżejjed u jkollhom ta' l-anqas bord tat-tarf, poġġaman ewlieni u poġġaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Inqast ukoll li tiżgura li x-xogħol fl-għoli jitwettaq biss b'apparat speċjali jew bl-użu ta' l-apparat ta' protezzjoni kollettiv bħal ma huma l-bennieni, il-pjattaformi jew ix-xbieki tas-sigurtà. Fejn l-użu ta' tali apparat ma jkunx possibbli minħabba n-natura tax-xogħol, għandhom ikunu pprovduti u għandhom jintużaw mezzi adatti ta' l-aċċess u arnessi ta' sigurtà jew metodi ta' ankraġġ oħra ta' sigurtà. Inqast ukoll li tiżgura poġġamani ta' protezzjoni jitpoġġew madwar trombi u turġien, u dan ai termini ta' Reg 5 ta' l-Iskeda IV (parti B, sezzjoni II) ta' l-A.L. 281/2004 (S.L424.29);

6) Akkużat ukoll George Cassar waħdek, talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi u/jew fil-ġranet ta' qabel, fil-kapaċità tiegħek ta' persuna li tħaddem tiżgura li kull tagħmir protettiv personali jkun iħares id-dispożizzjonijiet speċifikata fi Skeda 2 ta' l-Ordni u tiżgura li fejn hemm il-presenza ta' aktar minn riskju wieħed teħtieġ li ħaddiem jilbes fl-istess ħin aktar minn oġġett wieħed ta' tagħmir protettiv

personali, dak l-apparat ikun kompatibbli u li jibqa' jkun effettiv kontra r-riskju jew riskji involuti. Nqast ukoll li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' użu ta' tagħmir protettiv personali, b'mod partikolari għal kemm ħin għandu jintlibes, skond il-bażi tas-serjetà tar-riskju, il-frekwenza ta' kemm bniedem ikun espost għar-riskju, il-karatteristiċi tal-post tax-xogħol ta' kull ħaddiem u l-operazzjoni tat-tagħmir protettiv personali u tiżgura wkoll li jekk iċ-ċirkostanzi jeħtieġu li tagħmir protettiv personali jintlibes minn aktar minn persuna waħda tieħu l-miżuri kollha xierqa sabiex tiżgura li dan l-użu ma joħloq ebda problema ta' saħħa jew iġjene għall-utenti differenti. Nqast li tiżgura li dan it-tagħmir jingħata mingħajr ebda ħlas minn min iħaddem u tiżgura li dan it-tagħmir ikun jiffunzjona tajjeb u jkun f'kundizzjoni iġenika tajba permezz tal-manutenzjoni, it-tiswija u t-tibdil ta' biċċiet meħtieġa. Nqast milli tara li qabel ħaddiem juża tagħmir protettiv personali tavżah dwar ir-riskji li t-tagħmir ikun qed iħarsu kontrihom. Nqast wkoll li tiżgura li jiġi ikkonsultat ir-Rappreżentant għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-Ħaddiema, u dan ai termini ta' l-Artikoli 4, 5, 6, 7, 8, 10(1)(2), 11 u 17 ta' l-A.L. 121/03 (S.L.424.21);

7) Akkużati Joseph Grech u Anthony Sammut waħedkom, talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi u/jew fil-ġranet ta' qabel, fil-kapaċità tagħkom personali u/jew bħala klijenti li għalihom qiegħed isir xogħol inqastu milli taħtru 'supervisor' kompetenti għall-proġett għall-istadju tad-disinn u 'supervisor' kompetenti tal-proġett għall-istadju tal-kostruzzjoni, u dan ai termini ta' l-Artikolu 3 (1) ta' A.L. 281/2004 (S.L. 424.29);

8) Akkużati wkoll Joseph Grech u Anthony Sammut waħedkom talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi u/jew fil-ġranet ta' qabel, nqastu li twettqu d-dmirijiet u r-responsabiltajiet tagħkom bħala klijenti, u dan ai termini ta' Artikolu 6(1) ta' A.L.281/2004 (S.L.424.29);

9) Akkużati wkoll Joseph Grech u Anthony Sammut waħedkom, talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi u/jew fil-ġranet ta' qabel, nqastu li tiżguraw li qabel ma jibdax-xogħol fuq is-sit ta' kostruzzjoni, isir pjan ta' saħħa u sigurta, u dan ai termini ta' l-Artikolu 4 (2) ta' l-A.L.281/04 (S.L.424.29);

10) Akkużat Joseph Grech waħdu talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi u/jew fil-ġranet ta' qabel fil-kapaċita tiegħu ta' 'Prjoect Supervisor' nqast milli tikkordina, u jimplimenta l-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni u sigurta, u dan ai termini ta; l-Artikolu 5 et seq. ta' A.L281/04 (S.L.424.29).

Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija tqis lill-impurtat George Cassar waħdu bħala li sar reċediv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat il-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar it-28 ta' Lulju 2021 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fis-seduta tat-21 ta' Jannar 2022, l-akkużat George Cassar u l-akkżuat Anthony Sammut eżentaw lil dina l-Qorti kif presjeduta milli terġa tisma' x-xhieda u milli terġa tara d-dokumenti kollha ppreżentati sa dakinhar, filwaqt li l-akkużat Joseph Grech u l-prosekuzzjoni eżentaw lil dina l-Qorti kif presjeduta milli terġa tisma' x-xhieda u milli terġa tara d-dokumenti kollha ppreżentati sa dakinhar illum stess.

Rat l-Artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali datati t-12 ta' Ġunju 2020[1] fejn indika li l-akkużati għandhom jinstabu ħatja taħt dak li hemm maħsub:

[1] A fol. 673 tal-Atti Proċesswali.

**Fil-konfront ta' George Cassar u Joseph Grech:**

1. Fl-artikolu 225(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Fil-konfront ta' George Cassar:**

2. Fl-artikoli 6(1), 6(2) u 38 tal-Att Dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol, Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fir-regolamenti 4,5,6,10(1), 11, 18 u 21(1) tal-Avviż Legali 36 tal-2003 (Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol – Leġislazzjoni Sussidjarja 424.18);

4. Fir-regolamenti 4,5,6,10(2), 11, 18 u 21(1) tal-Avviż Legali 36 tal-2003 (Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol – Leġislazzjoni Sussidjarja 424.18);

5. Fir-regolament 5 tal-Iskeda IV (Parti B, Sezzjoni II) tal-Avviż Legali 281 tal-2004 (Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni) – Leġislazzjoni Sussidjarja 424.29) [kif kienet il-liġi fi żmien ir-reat. Din il-liġi ġiet sostitwita permezz tal-Avviż Legali 88 tal-2018 (Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni) – Leġislazzjoni Sussidjarja 424.36];

6. Fir-regolamenti 4,5,6,7,8,10,11, u 17 tal-Avviż Legali 121 tal-2003 (Regolamenti dwar Rekwiżiti Minimi għall-Użu ta' Tagħmir Protettiv Personali fuq ix-Xogħol – Leġislazzjoni Sussidjarja 424.21) u fl-artikolu 6(2) u 6(4) tal-Att Dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol, Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u

8. Fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Fil-konfront ta' Joseph Grech u Anthony Sammut:**

9. Fir-regolamenti 3(1),4(3), 5 u 6 tal-Avviż Legali 281 tal-2004 (Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni) – Leġislazzjoni Sussidjarja 424.29) [kif kienet il-liġi fi żmien ir-reat. Din il-liġi ġiet sostitwita permezz tal-Avviż Legali 88 tal-2018 (Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni) – Leġislazzjoni Sussidjarja 424.36];

10. Fir-regolamenti 4(3), 5 u 6(1) tal-Avviż Legali 281 tal-2004 (Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni) – Leġislazzjoni Sussidjarja 424.29) [kif kienet il-liġi fi żmien ir-reat. Din il-liġi ġiet sostitwita permezz tal-Avviż Legali 88 tal-2018 (Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni) – Leġislazzjoni Sussidjarja 424.36];

11. Fir-regolamenti 4(2),4(3) u 4(4) tal-Avviż Legali 281 tal-2004 (Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni) – Leġislazzjoni Sussidjarja 424.29) [kif kienet il-liġi fi żmien ir-reat. Din il-liġi ġiet sostitwita permezz tal-Avviż Legali 88 tal-2018 (Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni) – Leġislazzjoni Sussidjarja 424.36];

12. Fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Fil-konfront ta' Joseph Grech:**

13. Fir-regolamenti 4, 5 u 8 tal-Avviż Legali 281 tal-2004 (Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni) – Leġislazzjoni Sussidjarja 424.29) [kif kienet il-liġi fi żmien ir-reat. Din il-liġi ġiet sostitwita permezz tal-Avviż Legali 88 tal-2018 (Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni) – Leġislazzjoni Sussidjarja 424.36];

Rat illi dawn l-Artikoli nqraw fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2021 u l-akkużati iddikjaraw illi m'għandhomx oġġezzjoni li jiġu ġġudikati minn din il-Qorti.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkonsidrat;

Illi dakinhar tat-23 ta' Frar 2016, għall-ħabta ta' bejn il-16:45 u l-17:30hrs, il-Pulizija mill-għassa tal-Ħamrun kienu ġew informati li fl-isptar Mater Dei kien iddaħħal il-parte ċivile Samwel Camilleri wara li dan waqa' għoli ta' tlett sulari minn sit ta' kostruzzjoni sitwat fis-sit bl-indirizz 124/125/126 Triq

id-Duluri, l-Pietà. Sfortunatament, il-parte ċivile Samwel Camilleri miet fl-isptar Mater Dei fil-17:35hrs dakinhar stess.[2]

Irriżulta li fil-ħin tal-inċident, il-parte ċivile u l-akkużat George Cassar, li kien il-kuntrattur tas-sit, kienu qed jarmaw *shutter* fit-tielet sular bilgħan li jagħtu l-konkos meta l-parte ċivile waqa' minn fuq ix-shutter għal ġol-bitħa interna tas-sit. Jirriżulta li l-akkużat Joseph Grech huwa s-sid tal-art ta' fejn kienet qed issir il-kostruzzjoni filwaqt li l-akkużat Anthony Sammut daħal fi tehim ma' Joseph Grech sabiex iħallas nofs l-ispejjeż tal-binja. La Joseph Grech u lanqas Anthony Sammut ma kienu fuq il-post fil-ħin li seħħ l-inċident.

Illi ġiet miftuħa wkoll Inkjesta mill-Maġistrat fejn ġew nominati PS 385 Emanuel Dalli bħala *scene of crime officer*, il-Perit Richard Aquilina, Prof. Marie Therese Camilleri u Dr. Ali Salfraz bħala patoloġisti, Dr Martin Bajada bħala espert dwar telekomunikazzjoni; Dr Mario Scerri bħala tabib forensiku u Dr. Richard Sladden bħala espert legali. Illi da parti tagħha, l-Awtorità Għas-Saħħa u s-Sigurtà Fuq il-Post tax-Xogħol wettqet l-investigazzjonijiet tagħha wkoll.

Illi l-Perit **Charles Farrugia**[3] qal illi huwa mar fuq is-sit de quo fuq talba tal-Awtorità Għas-Saħħa u s-Sigurtà Fuq il-Post tax-Xogħol għall-ħabta tal-16:30hrs. Qal li fuq is-sit ra għadira demm fin-naħa ta' ġewwa tal-bitħa u viċin tagħha kien hemm xi strippi tal-injam. Fin-naħa ta' fuq kien hemm armar tax-*shuttering* tal-konkos li kien qed isir u kellu xi biċċiet nieqsin, liema biċċiet kienu l-istrippi li nstabu ma' l-art. Qal li ma kienx hemm ebda forma ta' protezzjoni għall-waqgħat mill-għoli tidher u lanqas xi safety *harness* li seta kien użat waqt ix-xogħol. Qal li waqt l-ispezzjoni li għamel, kien hemm diversi postijiet oħra li kienu qed jippreżentaw waqgħat mill-għoli[4], kien hemm plakek[5] u slielem[6] li ma kienux konformi mar-rekwiżiti tas-saħħa u s-sigurtà.[7] Qal li dakinhar tal-inċident, kien qed isir l-armar biex

[2] Ara ċ-ċertifikat tal-mewt a fol. 310 tal-Atti Proċesswali.
[3] Ara x-xhieda mogħtija fit-13 ta' Ottubru 2017, a fol. 207 tal-Atti Proċesswali.
[4] Ara r-ritratti minnu ppreżentati Nru 4,7,8 u 9 a fol. 215 *et seq* tal-Atti Proċesswali.
[5] Ara r-ritratti minnu ppreżentati Nru 5 u 6 a fol. 217 tal-Atti Proċesswali.
[6] Ara r-ritratt minnu ppreżentati Nru 3 a fol. 216 tal-Atti Proċesswali.
[7] Ara wkoll x-xhieda mogħtija fis-26 ta' Jannar 2018, a fol. 321 tal-Atti Proċesswali.

ikun jista' jsir is-saqaf tal-konkos. Qal li l-parti li kienet qed tintrema kienet gallarija u b'hekk l-injam kien sporġut 'l barra u ma jkollux support fit-tarf tiegħu u jista' faċilment jegħleb jekk xi persuna tirfes fuqu, bir-riżultat li jinżel anke l-injam.

Qal li dakinhar tal-inċident inħarġet Ordni ta' Twaqqif fil-konfront tal-akkużat Joseph Grech u Anthony Sammut[8] sakemm isiru x-xogħolijiet rimedjali. Hu ppreżenta wkoll "Stop Order" maħruġa fis-6 ta' Jannar 2011 għar-rigward ta' dan l-istess sit[9] kif ukoll email kontenenti *Occupational Health and Safety Plan* indirizzata lill-akkużati Joseph Grech u Anthony Sammut datata 29 ta' Marzu 2016.[10] Construction Notification Form datata 6 ta' Mejju 2016, iffirmata mill-akkużat Joseph Grech fejn hu kkonferma li hu l-klijent tal-proġett u li Absolute H&S Services ġew appuntati bħala *Project Supervisors*[11] u *Construction Notification Form* oħra datata 10 ta' Jannar 2011, iffirmata mill-akkużat Joseph Grech fejn hu kkonferma li hu l-klijent tal-proġett kif ukoll il-*Project Supervisor* tiegħu.[12] Qal li għalkemm m'hemm xejn xi jżomm klijent milli jaġixxi wkoll ta' Project Supervisor, skontu Joseph Grech ma kellu ebda taħriġ, esperjenza jew kwalifika f'dan is-suġġett. Hu ppreżenta wkoll *Occupational Health and Safety Plan* redatt minn Absolute H&S Services datat 29 ta' Marzu 2016 għar-rigward tas-sit *de quo*.[13] Hu eżebixxa wkoll ritratti meħudin minnu fejn juru ċerta ambjenti fejn l-armar kien sar b'mod tajjeb.[14]

Xehed ikoll **Charles Azzopardi**[15] minn Absolute H&S Services fejn qal li hu joffri s-servizzi ta' Health and Safety fuq il-postijiet tax-xogħol. Spjega li hu ppreżenta l-*Construction Notification Form* tas-6 ta' Mejju 2016 lill-Awtorità Għas-Saħħa u s-Sigurtà Fuq il-Post tax-Xogħol għan-nom tal-akkużat Joseph Grech fir-rigward tas-sit *de quo.* Qal li hu ġie appuntat biex

[8] Ara Dok CF 6, CF 7, CF8 u CF9 minn fol. 220 sa fol. 226 tal-atti proċesswali
[9] Ara Dok CF 14 a fol. 234 tal-atti proċesswali.
[10] Ara Dok CF 15 a fol. 235 tal-atti proċesswali.
[11] Ara Dok CF18 a fol. 241 tal-atti proċesswali.
[12] Ara Dok CF 19 a fol. 245 tal-atti proċesswali.
[13] Ara Dok CF 20 a fol. 249 tal-atti proċesswali.
[14] Ara dok CF21, 22 u 23 a fol. 274 *et seq* tal-atti proċesswali.
[15] Ara x-xhieda mogħtija fid-09 ta' Marzu 2018, a fol. 330 tal-Atti Proċesswali.

jieħu ħsieb kwistjonijiet ta' saħħa u sigurtà fuq fis-sit de quo fit-3 ta' Mejju 2016 u l- *Construction Notification Form* ġiet sottomessa fis-6 ta' Mejju 2016. Qal li qabel din id-data ma kellu ebda inkarigu fir-rigward ta' dan is-sit. Qal li hu pprepara wkoll l-*Occupational Health and Safety Plan* tad-29 ta' Marzu 2016 u kien għaddieh lill-akkużat Joseph Grech. Qal li hu ġie ngaġġat meta diġà kien hemm sular jew tnejn mibnijin. Qal li kien hemm *Stop Order* fuq is-sit u li l-Awtorità riedet *Project Supervisor* li fil-fehma tagħha kien kompetenti. Qalet li kellhom ukoll isiru xi xogħolijiet rimedjali. Qal li biex jiġi appuntat bħala Project Supervisor hu ma jeħtieġ ebda *clearance* mill-Awtorità. Qal li l-kompetenza tiegħu hija mill-fatt li attenda kors l-Università u kien ġie approvat mill-Awtorità bħala persuna kompetenti u tniżżel fir-reġistru tal-Awtorità.

Xehdu ukoll PS827 Edward Grech u PC425 Michael Cilia La Corte[16] fejn qalu li dakinhar tal-inċident huma marru fuq is-sit ftit wara li rċevew it-telefonata mill-Isptar Mater Dei u hemmhekk kellmu lill-akkużat George Cassar, lil iben l-akkużat Jeffrey Cassar u lill-akkużat Joseph Grech. PS827 Edward Grech nforma lill-Ispettur Robert Vella u ġew informati wkoll l-uffiċjali tal-Awtorità Għas-Saħħa u s-Sigurtà Fuq il-Post tax-Xogħol.

Il-**Professur Marie Therese Camilleri Podestà** xehdet in kontro-eżami[17] fejn qalet li aktarx il-parte ċivile waqa' għal rasu l-ewwel għax il-frattura kienet fuq ir-ras l-iżjed, iżda kellu fratturi wkoll fuq il-kustilji. Kellu abbrażjonijiet fuq il-pexxul.

Il-**Perit Richard Aquilina** xehed[18] fejn ikkonferma r-relazzjoni tiegħu u in kontro-eżami qal li kien qed isir l-armar tat-tieni sular u kien għad fadal parti żgħira fuq wara li kien għadu ma sarx. Hu kkonferma li m'huwiex possibbli li jsir l-ilqugħ meta jkun qed isir l-armar għas-saqaf u li l-użu ta'

[16] Ara x-xhieda mogħtija fis-17 ta' Novembru 2017, a fol. 285 tal-Atti Proċesswali u dik mogħtija fis-26 ta' Jannar 2018, a fol. 319 tal-Atti Proċesswali.
[17] Ara x-xhieda mogħtija fil-15 ta' Diċembru 2017, a fol. 297 tal-Atti Proċesswali.
[18] Ara x-xhieda mogħtija fil-15 ta' Diċembru 2017, a fol. 300 tal-Atti Proċesswali u dik mogħtija fil-21 ta' Jannar 2022, a fol. 691 tal-Atti Proċesswali.

ħarness fixklek u jwaqqak aktar milli jgħin. Ikkonferma li meta *in situ* ma sab xejn li ma kienx skont l-arti u s-sengħa.

**Dr Martin Bajada** xehed[19] fejn ikkonferma r-relazzjoni tiegħu u in kontro-eżami fejn qal li hu kien nominat mill-Qorti Inkwirenti sabiex jagħmel il-*call profile* u mhux sabiex janalizza l-mobile tal-parte ċivile. Qal li l-mobile kien msakkar b'password. Hu ottjena l-*call profiles* u ppreżenthom fl-atti tal-inkjesta u rriżulta li l-mobile tal-parte civile kien mas-soċjetà Vodafone Malta u dakinhar irċieva 4 telefonati u ċempel numru hu, liema telefonati saru mit-torri bl-isem St. Martins_3G-A-F2 li tinsab fi Executrain, Triq Schembri l-Ħamrun.[20] Dakinhar filgħodu pprova jċempel ukoll fuq in-numru 99906244 iżda ħadd ma rrisponda. Qal li ma kienx l-inkarigu tiegħu li jivverifika jekk kienx hemm messaġġi fuq il-mobile minn software bħal WhatsApp, u peress li l-mobile kien imsakkar u ma kellux password ma setax jivverifika.

**Dr Richard Sladden** xehed[21] fejn ikkonferma r-relazzjoni tiegħu u in kontro-eżami fejn qal li l-parte civile, meta waqa', ma kellu ebda għodda ta' xogħol f'idejh iżda biss mobile u ċwievet u li waqa' minn post fejn ma kienx qed isir ix-xogħol iżda min-naħa ta' wara. Qal li meta għamel l-aċċess kien hemm ir-rappreżentant tal-Awtorità Għas-Saħħa u s-Sigurtà Fuq il-Post tax-Xogħol David Saliba li indikalu li ma kienx hemm ilqugħ u harness.

Xehed ukoll **Dr. Michael Spiteri**[22] fejn ikkonferma ċ-ċertifikat maħruġ minnu u li ċċertifika lil Samwel Camilleri bħala mejjet. Dr Patrick Farrugia xehed[23] li dakinhar tal-inċident, il-parte ċivile kien iddaħħal fir-*resuscitation rooms* u ftit tal-ħin wara kien miet hemmhekk stess.

---

[19] Ara x-xhieda mogħtija fil-15 ta' Diċembru 2017, a fol. 302 tal-Atti Proċesswali u dik mogħtija fil-21 ta' Jannar 2022, a fol. 695 tal-Atti Proċesswali u fl-1 ta' Lulju 2022, a fol. 712 tal-Atti Proċesswali, 2 ta' Novembru 2022, a fol. 728 tal-atti proċesswali.
[20] Din l-informazzjoni ħarġet mix-xhieda tar-rappreżentanta tas-soċjetà Vodafone Malta Marisa Gauci mogħtija fis-17 ta' Lulju 2020, a fol. 573 tal-Atti Proċesswali.
[21] Ara x-xhieda mogħtija fis-26 ta' Jannar 2017, a fol. 315 tal-Atti Proċesswali u dik mogħtija fid-19 ta' Mejju 2022, a fol. 704 tal-Atti Proċesswali.
[22] Ara x-xhieda mogħtija fil-15 ta' Diċembru 2017, a fol. 304 tal-Atti Proċesswali.
[23] Ara x-xhieda mogħtija fid-09 ta' Marzu 2018, a fol. 327 tal-Atti Proċesswali.

Ir-rappreżentant tal-Awtorità Għas-Saħħa u s-Sigurtà Fuq il-Post tax-Xogħol **David Saliba** xehed u ppreżenta[24] lista ta' *competent persons* ppublikata mill-istess Awtorità. In kontro-eżami qal li l-*competent person register* huwa online u persuna tista titlob li tidħol fiħ jew li titneħħa. L-lista ppreżentata hija ta' April 2019. Għalkemm persuna ma tkunx inkluża f'din il-lista ma jfissirx li ma tistax tkun kompetenti għal dan ix-xogħol.

Ir-rappreżentant tal-Awtorità **Charles Farrugia** xehed[25] illi l-Awtorità żżomm reġistru ta' persuni li hi tqis li huma kompetenti sabiex iservu ta' *Project Supervisors*. Qal li fit-23 ta' Frar 2016, Joseph Grech ma kienx fuq din il-lista.

Xehed ir-rappreżentat tal-Awtorità tal-Ippjanar Oliver Magro xehed u ppreżenta[26] fost l-oħrajn, kopja tal-permess bin-numru 4199/08 u kopja tal-permess bin-numru 01330/12 fejn l-applikant fuqhom huwa l-akkużat Anthony Sammut.

Il-**perit David Psaila**[27] xehed li hu ġie ngaġġat mill-akkużat Anthony Sammut sabiex iħejji l-pjanti u l-applikazzjonijiet għall-binja *de quo*. Xehed illi kienu inħarġu żewġ permessi tal-bini, wieħed bin-numru 4199/2008 u 1330/2012, it-tnejn f'isem Anthony Sammut. Qal li hu ġie nkarigat bħala perit mill-istess Anthony Sammut u li l-bennej kien George Cassar, li dam sal-aħħar tal-2016, għax imbagħad daħal kuntrattur ieħor.

In-**Nutar Bartolomeo Micallef**[28] ippreżenta kopja tat-testment ta' Emanuel Grech, missier l-akkużat Joseph Grech kif ukoll (i) skrittura privata ffirmata bejn l-akkużat Joseph Grech u l-akkużat Anthony Sammut datata d-29 ta' Settembru 2006 fejn l-akkużat Anthony Sammut qed jiddikjara li ser joħroġ 50% tal-flus meħtieġa għall-iżvilupp ta' din il-binja;

---

[24] Ara x-xhieda mogħtija fit-12 ta' April 2019, a fol. 387 tal-Atti Proċesswali.
[25] Ara x-xhieda mogħtija fil-25 ta' Settembru 2020, a fol. 611 tal-Atti Proċesswali kif ukoll dik mogħtija fis-27 ta' Frar 2023, a fol. 789 tal-Atti Proċesswali.
[26] Ara x-xhieda mogħtija fit-12 ta' Lulju 2019, a fol. 402 tal-Atti Proċesswali.
[27] Ara x-xhieda mogħtija fid-19 ta' Lulju 2019, a fol. 459 tal-Atti Proċesswali u dik tal-15 ta' Jannar 2021, a fol. 622B tal-Atti Proċesswali.
[28] Ara x-xhieda mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2019, a fol. 536 u dik mogħtija 25 ta' Frar 2020, a fol. 549 tal-Atti Proċesswali.

(ii) skrittura privata ffirmata bejn l-akkużat Joseph Grech u l-akkużat Anthony Sammut, fejn Sammut qed jobbliga ruħu li jibni l-binja, ġebel u saqaf u (iii) kuntratt ta' akkwist datat 1 ta' Settembru 2007 fejn l-akkużat Joseph Grech akkwista l-fondi numru 124 u 125, ġja 62 u 63 u preċedentement 54 u 55 fi Triq id-Duluri l-Pietà

Xehdet omm il-parte ċivile **Eugenia Camilleri**[29] fejn qalet li binha, Samuel Camilleri kien ilu jaħdem ma l-akkużat George Cassar madwar tlett xhur u li hi ltaqgħet ma' Cassar darba waħda biss. Qalet li dak iż-żmien it-tifel tagħha kien qed joħroġ ma waħda Megan.

Xehed **Jeffrey Cassar**[30] fejn qal li huwa jiġi iben l-akkużat George Cassar. Qal li hu jaħdem ma missieru fil-kostruzzjoni u spjega li għas-soqfa huma l-ewwel jarmaw minn isfel u biex jagħmlu r-railing irid ikun lest is-saqaf. Spjega li fuq il-lant kien hemm helmets iżda l-parte ċivile ma kienx liebes wieħed. Qal li dakinhar tal-inċident hu u Samuel Camilleri kienu qed itellgħu xi ġebel minn isfel. Qal li waqt li kienu qed itellgħu il-ġebel, Samuel Camilleri qabad il-mobile u qallu biex ineħħieħ għax ix-xogħol kien ta' periklu. Qal li Camilleri neħħieħ minn idejh. Qal ukoll li l-parte ċivile kien juża l-mobile il-ħin kollu u kemm-il darba ġibidlu l-attenzjoni biex jieqaf iċempel. Qal li dakinhar mar fuq il-lant tax-xogħol filgħodu kmieni u telaq xis-siegħa ta' wara nofsinhar. Xehed li dakinhar il-parte civile kien eċitat u għalkemm saqsieħ jekk ġralux xi ħaġa, rrisponda li ma ġralu xejn. Qal li waqt li kien miegħu filgħodu l-mobile qabdu darbtejn. Qal li hu reġa mar x'ħin seħħ l-inċident u għen lil tal-ambulanza jtellgħuħ fuq l-istrecher. Qal li fil-but il-parte civile kellu l-mobile, għax semgħu idoqq b'diversi messaġġi tal-messenger u Whatsapp, ħadulu u għaddieħ lill-pulizija biex ma jinsteraqx. Qal li missieru, wara l-inċident, kellu xokk kbir fuqu u ttieħed il-poliklinika għall-kura.

[29] Ara x-xhieda mogħtija fil-15 ta' Jannar 2021 a fol. 621A tal-Atti Proċesswali.
[30] Ara x-xhieda mogħtija fit-05 ta' Ottubru 2022 a fol. 717 tal-Atti Proċesswali.

Illi **Jason Zammit** xehed[31] illi hu kien labourer mal-akkużat George Cassar fiż-żmien tal-inċident. Qal li dakinhar tal-inċident, fuq il-lant tax-xogħol kienu hu, George Cassar, Jeffrey Cassar u Samuel Camilleri. Qal li dakinhar tal-inċident hu kien xogħol mis-sebgħa ta' filgħodu sas-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar. Dakinhar hu kien qed jaħdem fuq in-naħa tax-xelluġ tal-blokka filwaqt li Samuel Camilleri u George Cassar kienu qed jarmaw ix-shutter fuq in-naħa tal-lemin tal-blokka. Qal li waqt li jkunu qed jarmaw l-injam tax-shutter ma tistax tagħmel l-ilqugħ għax ma jkollokx fejn torbot. Qal li huma kellhom kollox dwar is-safety, safety shoes, helmet u harness fost l-oħrajn. Qal li Samuel Camilleri u George Cassar baqgħu fuq il-lant wara li hu telaq għax kellhom jifirxu x-xibka fuq in-naħa ta' quddiem. Qal li n-naħa ta' wara ma kienx lest ix-shutter u b'hekk ma kienx hemm l-ilqugħ. Qal li George Cassar ma kienx iħallihom bil-mobile għax ix-xogħol perikoluż u mhux it-twavel kollha jkunu marbutin sakemm jitlesta x-shuttering. Qal li lil Samuel Camilleri raħ juża l-mobile kemm-il darba matul dakinhar. Qal li filgħodu raħ jargumenta ma xi ħadd waqt li kien fuq telefonata. Seta' jisma lil Samuel Camilleri jargumenta għax kien viċin tiegħu iżda ma jafx x'kien qed jgħid. Qal li l-akkużat Joseph Grech kien ta spiss imur fuq is-sit jittawwal. Qal li Grech għamel ukoll xi xogħol u kien jidher tajjeb. Ma kienx jaf lil Joseph Grech qabel dan il-kuntratt. Qal li kif telaqt mil-lant, fis-sagħtejn u nofs, ma reġax mar lura dakinhar.

Illi l-akkużat **Joseph Grech** xehed[32] li hu u Anthony Sammut kienu sħab f'din il-binja. Hu ta l-art u Anthony Sammut ħa ħsieb il-kostruzzjoni. George Cassar kien ingaġġat bħala bennej. Qal li hu kien il-*project supervisor* tal-binja. Qal li fl-2009 kien mar fl-uffiċċju tal-Awtorità Għas-Saħħa u s-Sigurtà Fuq il-Post tax-Xogħol biex isaqsi jekk setax joqgħod *project supervisor* u qalulu li jrid jagħmel eżami, u jekk jgħaddi jkun jista' joqgħod. Qal li għamel l-eżami u għadda u filfatt qagħad bħala *project supervisor*. Qal li ħadd mill-Awtorità ma qallu xejn dwar li kien se joqgħod *project supervisor* għal dan il-proġett. Qal li hu ilu fil-kostruzzjoni għal aktar minn għoxrin sena. Qal li

[31] Ara x-xhieda mogħtija fit-02 ta' Novembru 2022 a fol. 731 tal-Atti Proċesswali.
[32] Ara x-xhieda mogħtija fid-09 ta' Jannar 2023 a fol. 743 tal-Atti Proċesswali kif ukoll dik mogħtija fis-27 tas' Frar 2023, a fol. 784 tal-Atti Proċesswali.

din kienet l-ewwel darba li qagħad bħala *project supervisor* Qal li qabel dan l-inċident, kienu saru diversi spezzjonijiet mill-uffiċjali tal-Awtorità u qatt ma sabu xejn mhux f'postu. Qal li lil Samuel Camilleri kien beda jaraħ fuq il-lant tax-xogħol minn xi tlett xhur qabel seħħ l-inċident. Qal li kien imur fuq il-lant madwar darbtejn kuljum, peress li joqgħod żewġ kantunieri 'l bogħod mis-sit.

Dakinhar tal-inċident qal li mar fuq fis-sit fit-8:30am u kienu qed itellgħu il-ġebel fit-tielet sular. Samuel Camilleri kien qed jorbot il-ġebel bil-katina biex jittellgħu. Grech innota lil Samuel Camilleri kien qed ikun fuq il-mobile taħt l-*użata* tal-ġebel hi u tielgħa u qallu biex jersaq minn taħtha għax jekk jaqgħu il-ġebel fuqu ma jsibuħx. Qal li telaq mis-sit u reġa mar lura xi 11:45. Hemmhekk reġa sab lil Samuel Camilleri fuq il-mobile hu u jippassiġġa fuq il-fallakki tax-shuttering fit-tielet sular li kien rama hu stess. Qal li dak il-ħin qallu li jekk se jerġa' jaraħ fuq il-mobile kien se jċempel lil George Cassar biex ikeċċieħ, iżda Camilleri qallu li kien bil-break u ma seta jagħmillu xejn. Imbagħad Grech telaq mis-sit u rritorna lura f'xi l-erbgħa ta' waranofsinhar fejn hemm sar jaf li kien waqa' l-parte ċivile mill-gallarija li rama'. Qal li x-shuttering jikkonsisti minn travetti u fallakki fuqhom. Fit-truf, xi fallakki jibqgħu sejrin lilhinn mit-travetti sabiex eventwalment jintrabat l-ilqugħ magħhom. Dawn il-biċċiet, imsejjħa "mejta" ma tistax timxi fuqhom għax tegħleb 'l isfel u jkunu hemm meta se jkollok gallarija. Qal li l-proċess hu li l-ewwel jintrama' x-shuttering, imbagħad tagħmel ix-xibka, imbagħad tagħmel l-ilqugħ dawramejt u finalment tagħti l-konkos.

In kontro-eżami xehed li għalkemm ġieli ra lil Samuel Camilleri jirrispondi l-mobile fit-tlett xhur ta' qabel, hu qallu li se jkellem lil George Cassar dakinhar tal-inċident. Qal li wara dan l-inċident, kien inbidel kemm il-project supervior kif ukoll il-bennej. Qal li meta għamel l-eżami mal- Awtorità Għas-Saħħa u s-Sigurtà Fuq il-Post tax-Xogħol kienu tawħ xi karti u anke file, però ma baqgħux għandu għax x'ħin lesta l-proġett qal li ma kellux bżonnhom. Qal li fil-parti minn fejn waqa' Samuel Camilleri kien hemm l-injam mejjet għax kienet ġejja l-gallarija. Din il-parti kien jonqosha l-ilqugħ

tal-konkos, ix-xibka, il-ħadid u mbagħad isir ir-railing. Ma kienx hemm fejn jitwaħħal ir-railing f'dak l-istadju.

Xehed l-akkużat **Anthony Sammut**[33] fejn qal li hu ffinanzja dan il-proġett. Ma tantx kellu x'jaqsam max-xogħol u allura ma tantx kien imur fuq is-sit. Qal li lil George Cassar kien ilu jafu għal madwar ħmistax-il sena u ġieli qabbdu fuq xogħolijiet oħra. Qal li Joseph Grech pprovda l-art u kien avviċinaħ biex jiffinanzjalu l-proġett. Qallu li ma kellux ċans għal dan il-proġett pero Grech qallu li kien se jieħu ħsieb hu, u fl-aħħar aċċetta. Qal li ma tantx kien imur fuq is-sit. Qal li l-applikazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar kienu f'ismu iżda d-dokumenti mal-Awtorità Għas-Saħħa u s-Sigurtà Fuq il-Post tax-Xogħol kien qed jieħu ħsiebhom Joseph Grech. Finalment, il-ftehim kien li l-profitti jinqasmu nofs bin-nofs bejniethom.

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti ta' dan il-każ, fis-sempliċità tagħhom huma li s-sit bin-numri 124/125/126 Triq id-Duluri, l-Pietà kien qed jiġi żviluppat f'kumpless ta' appartamenti u garaxxijiet. L-art kienet propjetà ta' Joseph Grech filwaqt li Anthony Sammut daħal bi sħab għall-finanzjament tal-proġett. George Camilleri kien il-bennej ta' din il-blokka u l-parte ċivile Samuel Camilleri kien impjegat tal-istess George Camilleri. Il-blokka kienet tinstab fi stadju tal-għoti tal-konkos għas-saqaf tat-tieni sular/l-art tat-tielet sular. Dakinhar tal-inċident, George Camilleri kien qed jagħmel ix-shuttering bil-għan li jiġu mifruxa x-xbieki u l-ħadid u sussegwentement jingħata l-konkos. Għall-ħabta tal-4.30pm, hekk kif kienu qed jispiċċaw il-ġurnata, Samuel Camilleri rifes fuq twavel mejta li kienu qed iservu bħala shuttering għall-gallarija interna bil-konsegwenza li waqa' għoli ta' 36 filata u ġie fil-bitħa interna. Konsegwenza ta' din il-waqa', huwa miet fl-isptar Mater Dei ftit tal-ħin wara.

Ikkunsidrat;

---

[33] Ara x-xhieda mogħtija fit-03 ta' April 2023 a fol. 792 tal-Atti Proċesswali

Illi l-ewwel akkuża miġjuba fil-konfront ta’ George Cassar u Joseph Grech hija dik ta’ omiċidju involontarju kif misjuba fl-Artikolu 225(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Illi kif ġie osservat fil-każ **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg:**[34]

> *“L-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, jittrrratta effettivament l-omiċidju kolpuż. Skond dan l-artikolu, sabiex jirrizulta dan id-delitt, hemm bżonn li tirrikorri kondotta volontarja negliġenti, konsistenti ġenerikament f’nuqqas ta’ ħsieb (imprudenza), negliġenza jew traskuragni, jew ta’ ħila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta’ osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b’ness ta’ kawżalità, minn akkadut dannuz involontarju;*
>
> *Dan ifisser li fil-materja tal-kopluż, hemm neċessarjament l-element ta’ attività diretta għal xi fini partikolari li minħabba nuqqas ta’ ċerta prekawzjonijiet jistgħu jiġu leżi jew danneġġjati jew ippreġudikati l-interessi ta’ terzi;”*

Inoltrè, ġie osservat ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Richard Grech**[35] li:

> *“Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke fil-kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament imprudenti jew negligenti mhux biss min jitraskura li jiehu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja tal-hajja,*

---

[34] **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, Qorti tal-Appell Kriminali, 31 ta’ Lulju, 1998. Ara wkoll f’dan is-sens **Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli**, Qorti tal-Appell Kriminali, 4 ta’ Frar 196.

[35] **Il-Pulizija vs Richard Grech**, Qorti tal-Appell Kriminali, 21 ta’ Marzu 1996

*izda wkoll min jitraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita'.*

*…. Jekk l-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi negazzjoni ta' din il-virtu, tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li messu preveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certu non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet pero, il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta'l-intenzjoni pozittiva indiretta."*

Illi b'hekk, hija l-fehma ta' din il-Qorti li sabiex jiġi stabbilit jekk George Cremona u Joseph Grech humiex responsabbli għar-reat kkontemplat fl-Artikolu 225 tal-Liġijiet ta' Malta irid l-ewwel jiġi stabbilit jekk kienx hemm nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti da parti tagħhom, jew min minnhom, u fl-eventwalità li rriżultat ikun wieħed pożittiv, jekk hemmx kawżalità bejn dan in-nuqqas u l-mewt traġika ta' Samuel Camilleri.

Ikkunsidrat;

Illi fir-rigward tal-akkużi numru ħamsa, disgħa, għaxra, ħdax u tlettax fin-nota tal-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali datata t-12 ta' Ġunju 2020, jirriżulta li dawn l-akkużi huma bbażati fuq l-Avviż Legali 281 tal-2004, liema Avviż Legali ġie imħassar fl-1 ta' Awwissu 2018 permezz tal-Avviż Legali numru 88 tal-2018. Dan l-Avviż Legali 88 tal-2018, madanakollu, inkorpora fiħ ir-reati sostantivi li kienu fis-seħħ permezz tal-Avviż Legali 281 tal-2004.

Illi dawn il-Qrati diġà kienu rinfaċċjati b'din is-sitwazzjoni u filfatt, il-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza **Pulizija vs Emanuel Vella**[36] irriteniet illi:-

[36] **Pulizija vs Emanuel Vella**, Qorti tal-Appell Kriminali, 08 ta' Mejju 2019, (Appell Nru 501/2017)

"*Issa dawn ir-regolamenti gew imhassra permezz tal-Avviz Legali 89 tal-2018 u sostitwiti bl-Avviz Legali 88 tal-2018 fejn allura r-reat li dwaru l-appellant jinsab mixli gie illum tramandat fir-regolament 8 tal-imsemmi Avviz Legali li allura jirriproduci kelma b'kelma ir-regolament 6(1) hawn fuq iccitat.*"

Inoltre, l-Artikolu 12 (1)(d) u (e), (2) u (3) tal-Att Dwar l-Interpretazzjoni, Kap. 249 tal-Liġijiet ta' Malta, jistipolaw illi:-

> ***"12.****(1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att iħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux -*
>
> *...omissis...*
>
> > *d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk;*
> >
> > *(e) jolqot kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privileġġ, obbligazzjoni, responsabbiltà, penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel,*
>
> *u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħu jinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jew piena bħal dawk jistgħu jiġu mposti, bħallikieku l-Att li jħassar ma jkunx għadda.*
>
> *(2) Meta Att, sew jekk mgħoddi qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, jemenda xi Att ieħor mgħoddi qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, jew xi dispożizzjoni ta' xi Att ieħor bħal dak, l-Att jew id-dispożizzjoni hekk emendati kif ukoll kull ħaġa li saret taħthom jew bis-saħħa tagħhom, għandhom, kemm-il darba ma jkunx jidher ħsieb kuntrarju, jkomplu li jkollhom effett sħiħ, u*

*għandhom hekk jibqgħu jseħħu kif emendati, u suġġetti għat-tibdil magħmul, bl-Att li jemenda.*

*(3) Għall-finijiet tas-subartikolu (2) "emenda" tfisser u tinkludi kull emenda, modifika, tibdil, alterazzjoni, żieda jew tħassir tkun liema tkun l-għamla jew il-mod li bihom isiru u jkunu kif ikunu mfissra, u tinkludi wkoll dispożizzjoni li biha Att jew dispożizzjoni tiegħu jkunu sostitwiti jew rimpjazzati, jew imħassra u sostitwiti jew imħassra u minflokhom issir dispożizzjoni differenti."*

Illi di più l-Artikolu 2 tal-Att Dwar l-Interpretazzjoni jiddefinixxi "Att", fost l-oħrajn, bħala:-

*"Att" tfisser Att tal-Parlament u kull Att ieħor mgħoddi mill-Leġislatura ta' Malta u tinkludi kull kodiċi, ordinanza, proklama, ordni, regola, regolament, bye-law, avviż jew dokument ieħor li għandu saħħa ta' liġi f'Malta..."*

Illi b'hekk, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 12 tal-Att Dwar l-Interpretazzjoni, Kap. 249 tal-Liġijiet ta' Malta id-disposizzjonijiet tal-Avviż Legali 281 tal-2004 għandhom jibqgħu japplikaw għall-każ *de quo* anke għaliex is-sustanza tar-reati addebitati kontra l-akkużati għadha in vigore tramite l-Avviż Legali 88 tal-2018. Illi in sostenn ta' dan, il-Qorti tagħmel referenza wkoll għal dak deċiż mill-Qorti Kriminali fis-sentenza **ir-Repubblika ta' Malta vs Daniel Felice** u **il-Pulizija vs Martin Cassano**[37] fejn il-Qrati esprimew l-istess ħsieb fir-rigward ta' liġijiet li ġew abrogati minn strument legali iżda ddaħħlu fis-sustanza fi strument legali ieħor.

Ikkonsidrat;

Illi jirriżulta mill-fatti tal-każ li fil-ġurnata li seħħ l-inċident Joseph Grech u Anthony Sammut kienu legalment meqjusa bħala "Klijent" ai termini tad-

[37] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Daniel Felice**, Qorti Kriminali, 22 ta' Settembru 2016, (Att ta' Akkuża Nru 5/2014) pg. 22 *et seq* kif ukoll **Il-Pulizija vs Martin Cassano**, Qorti tal-Appell Kriminali, 28 ta' Settembru 2017, (Appell Nru 497/2016) pg. 6.

definizzjoni mogħtija fir-Regolament 2 tal-Avviż Legali 281 tal-2004[38] u li Joseph Grech kien fattwalment il-*project supervisor* ta' dan il-proġett. Ta min jgħid li huwa permissibbli taħt ir-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 281 tal-2004[39] li Joseph Grech, *qua* klijent, jaġixxi wkoll bħala supervisor tal-proġett jekk huwa nnifsu jkun kompetenti biex jidħol għad-dmirijiet involut.

Illi ġie dibattut fit-tul quddiem din il-Qorti dwar jekk Joseph Grech huwiex kompetenti *o meno* sabiex jaġixxi ta' supervisor tal-proġett. Il-prosekuzzjoni ssostni li Joseph Grech m'għandu ebda taħriġ formali u l-anqas l-esperjenza neċessarja sabiex jeżegwixxi dan lir-rwol. Mill-banda l-oħra, Grech isostni li għandu għexieren ta' snin esperjenza fil-kostruzzjoni, kien attenda kors u saħansitra għamel eżami mal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Jgħid, finalment, li kienet l-istess Awtorità li ssiġillat il-kompetenza tiegħu meta aċċettatu bħala supervisor tal-proġett.

Illi jibda biex jingħad li minkejja li Grech sostna quddiem din il-Qorti li huwa attenda kors u anke għandu xi dokumenti mill-Awtorità dwar li hu kompetenti bħala supervisor tal-proġett, huwa ma ppreżenta ebda dokument in sostenn ta' din l-asserzjoni tiegħu. Aktar minn hekk, mistoqsi in kontro-eżami dwar x'għamel mill-karti li ngħata mill-Awtorità hu qal li remihom meta lesta l-proġett għax ħaseb li ma kellux bżonnhom. Il-Qorti ssib din ir-raġuni bħala inverosimili u li m'għandhiex mis-sewwa. Bħala stat ta' fatt, meta tlesta l-proġett dawn il-proċeduri kienu diġà fi stadju avvanzat u Joseph Grech kien jaf eżattament in-natura tal-akkużi li qed jirrispondi għalihom u li l-kompetenza tiegħu kienet qed tiġi kwerelata. Il-bwon sens jiddetta li f'dawn iċ-ċirkostanzi kwalunkwe prova li setgħet tikkonvalida t-tezi tiegħu – inkluż allura d-dokumentazzjoni mogħtija lilu mill-Awtorità – kellha tinżamm b'attenzjoni kbira biex jintużaw fl-istadju opportun, aktar milli jintremew.

Illi di più, l-fatt li Grech ġie aċċettat mill-Awtorità bħala supervisor tal-proġett ma jistax jiġi nterpretat li l-Awtorità tat xi forma ta' garanzija għall-

[38] illum l-istess definizzjoni hija misjuba fir-regolament 2 tal-Avviż Legali 88 tal-2018.
[39] illum l-istess regolament huwa misjub fir-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 88 tal-2018.

kompetenza tiegħu ta' supervisor tal-proġett. Hemm differenza netta bejn li min-naħa l-waħda l-Awtorità tirċievi u tipproċessa applikazzjoni fejn applikant jiddikjara li hu kompetenti u bejn, min-naħa l-oħra, li toħroġ xi ċertifikat li jattesta għall-kompetenza ta' persuna. B'hekk ma jistax jingħad li ladarba l-Awtorità aċċettat l-applikazzjoni tiegħu, allura awtomatikament qed tattesta għall-kompetenza tiegħu *qua* supervisor tal-proġett.

Illi s-supervisor tal-proġett għandu diversi obbligi legali, fosthom li, ai termini tar-Regolament 5 tal-Avviż Legali 281 tal-2004[40] jikkoordina l-aspetti tas-saħħa u s-sigurtà tul il-fażijiet differenti tal-proġett. Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza **Il-Pulizija vs Marco Putzulu Caruana**[41] daħlet fid-dettall dwar l-irwol tas-supervisor tal-proġett u t-tifsira tal-obbligu ta' koordinazzjoni impost fuqu. Illi ma tressqet ebda prova quddiem din il-Qorti li Joseph Grech ottempora ruħu mal-obbligi tiegħu ta' koordinazzjoni u għalkemm huwa jsostni fix-xhieda tiegħu li kien jikkoordina l-aspetti tas-saħħa u s-sigurtà u li kien imur fuq is-sit b'mod regolari, ma tressqet ebda prova, imqar fuq bażi ta' probabiltà li kien jagħmel hekk. Illi filfatt, minkejja l-obbligu impost fuqu li, ai termini tar-Reg 5 tal-Avviż Legali 281 tal-2004, iħejji pjan ta' saħħa u sigurtà, kien biss fid-29 ta' Marzu 2016 li dan tħejja, ossija meta daħal fix-xena is-supervisor tal-proġett Charles Azzopardi minn Absolute Health and Safety Services u dan minkejja li Grech kien ilu supervisor tal-proġett sa mill-10 ta' Jannar 2011.

Illi in difesa, Grech jgħid ukoll li kellu diversi spezzjonijiet mill-uffiċjali tal-Awtorità fuq dan is-sit u li dejjem sabu kollox skont il-liġi. Però anke hawn, il-Qorti tara li huwa naqas milli jikkorrobora din l-asserzjoni tiegħu bi provi a sodisfazzjon tal-Qorti u għalkemm seta kien hemm xi spezzjonijiet fil-passat, il-Qorti ma tafx x'kien l-eżitu tagħhom.

Illi mix-xhieda mogħtija mill-perit Charles Farrugia, irriżulta li fiż-żmien ta' meta seħħ l-inċident *de quo*, kien hemm diversi postijiet oħra li kienu qed

[40] Illum Reg. 5(4)(ċ) tal-Avviż Legali 88 tal-2018.
[41] **Il-Pulizija vs Marco Putzulu Caruana**, Qorti tal-Appell, 11 ta' Jannar 2010 (Appell nru 159/2009)

jippreżentaw periklu ta' waqgħamill-għoli. Kien hemm ukoll plakek u slielem li ma kienux konformi mal-liġi. Għalkemm fid-difiża tiegħu Joseph Grech jipprova jimminimizza dawn il-perikli, fil-fehma tal-Qorti huma perikli gravi fuq il-post tax-xogħol u li kellhom jiġu ndirizzati minnu bħala supervisor tal-proġett.

Illi dan kollu jwassal lill-Qorti sabiex tara li għalkemm Joseph Grech seta' suġġettivament emmen li hu kompetenti għal dan l-irwol, il-fatti juru li oġġettivament huwa ma kienx kompetenti. Illi finalment, bl-applikazzjoni tar-Regolament 6 tal-Avviż Legali 281 tal-2004[42] minkejja li Joseph Grech appunta lilu nnifsu bħala supervisor tal-proġett, ma jfissirx li hu kif ukoll Anthony Sammut huma eżenti mir-responsabiltajiet tagħhom skont il-liġi u għaldaqstant, tali nuqqas għandhom jirrispondu għalih it-tnejn li huma. B'hekk, kemm Joseph Grech kif ukoll Anthony Sammut, *qua* klijenti, naqsu mid-dmir tagħhom li jaħtru supervisor tal-proġett kompetenti biex jidħol għad-dmirijiet involuti ai termini tar-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 281 tal-2004.

Illi b'hekk, il-Qorti qed issib lil Joseph Grech u Anthony Sammut ħatja talli kisru r-Regolamenti 3(1), 4(2)(3)(4), 5 u 6 tal-Avviż Legali 281 tal-2004 kif misjuba **fid-disa'**, **l-għaxar** u **l-ħdax-il** akkuża kif redatti mill-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu.

Ikkunsidrat;

Illi fir-rigward tat-**tlettax-il** akkuża kif redatta mill-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu kontra Joseph Grech <u>waħdu</u>, ir-regolamenti 4 u 5 tal-Avviż Legali 281 tal-2004 diġà ġew trattati hawn fuq. Dwar ir-regolament 8 tal-Avviż Legali 281 tal-2004, jingħad li dan japplika għal kuntratturi, li bir-regolament 2 tiegħu huma definiti bħala persuna li tħaddem u li l-ħaddiema tagħha jaċċettaw, iwettqu jew jimmaniġġjaw xogħol ta' kostruzzjoni, u li jfornu materjal u jew xogħol biex ikun jista' jsir dak ix-xogħol.

[42] Illum Reg. 8(1)(2) tal-Avviż Legali 88 tal-2018.

Illi jirriżulta mill-provi li Joseph Grech ma kienx il-kuntrattur ta'dan il-proġett u b'hekk, minkejja li l-Qorti qed issibu ħati parzjalment tat-**tlettax-il akkuża** kif redatti mill-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu fejn hemm ir-regolamenti 4 u 5 tal-Avviż Legali 281 tal-2004 għar-raġunijiet sopra esposti, qed issibu mhux ħati tar-regolament 8 tal-istess Avviż Legali 281 tal-2004.

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti rriżulta li George Cassar kien il-bennej ingaġġat għal dan il-proġett minn Anthony Sammut. Huwa kien responsabbli mil-kostruzzjoni tal-binja peress li tħaffir kien f'idejn kuntrattur ieħor. Jirriżulta li Samuel Camilleri kien ilu biss ftit xhur miegħu, tant li lanqas kien għadu reġistrat ma JobsPlus. Irriżulta wkoll li għalkemm Samuel Camilleri isostni li jaf jarma x-shutter, George Cassar induna li dan ma kienx minnu u li kien qed jgħallmu s-sengħa u fl-istess ħin iħallsu ta' xogħolu. Jgħid filfatt li hu jew ibnu Jeffrey Cassar kienu joqgħodu miegħu. Fil-mumenti li seħħ l-inċident fuq is-sit kienu George Cassar u Samuel Camilleri biss. Camilleri kien fuq in-naħa ta' wara tal-binja filwaqt li Cassar kien fuq in-naħa l-oħra.

Illi bħala stat ta' fatt, l-inċident seħħ fil-proċess t-tqegħid tax-shuttering u l-frix tax-xibka u l-ħadid. Illi ħareġ mix-xhieda ta' Joseph Grech u Jason Zammit li f'din il-fażi ma tistax tagħmel ilqugħ mill-għoli għax propju m'hemmx fejn tqabbad l-ilqugħ. Ħareġ ukoll li f'dan l-istadju huwa perikluż li jintuża harness propju għax il-ħabel tiegħu jaf ikun ta' xkiel u ta' periklu għall-ħaddiem. Illi din l-osservazzjoni saret ukoll mill-espert maħtur mill-Qorti Inkwirenti l-Perit Richard Aquilina, fejn qal[43] li:

> *"Mhux possibbli li jkun hemm ilqugħ meta jkun qiegħed isir l-armar għas-soqfa peress li ma jkunx hemm post fejn wieħed jistrieħ fuq il-ħitan.*

[43] Ara fol. 94 tal-Atti Proċesswali.

> *Minn naħa l-oħra, l-użu tas-Safety Harness f'dan it-tip ta' xogħol jista' jkun ta' tfixkil għall-ħaddiem. Għalhekk l-armar tas-soqfa huwa xogħol ta' periklu kbir."*

Illi din il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-Perit Aquilina, biss dan ma jiffissirx li l-ilqugħ u s-Safety Harness huma <u>l-uniċi prekawzjonijiet</u> li jistgħu jittieħdu f'dawn iċ-ċirkostanzi. Illi filfatt, ir-regolament 5 tas-Sezzjoni II tal-Parti B tal-Iskeda IV tal-Avviż Legali 281 tal-2004[44] jagħti diversi eżempji ta' kif jistgħu jiġi mitigat il-periklu ta' waqa' mill-għoli. Ma rriżultax mill-provi prodotti li kien hemm xi wieħed, jew aktar, minn dawn l-eżempji, jew xi forma ta' mitigazzjoni oħra li setgħet tevita jew timmitiga waqa' mill-għoli. Filfatt, il-Perit Aquilina stess jikkonkludi li "*L-art li fuqha waqa' Samuel kienet tal-konkos, b'ebda materjal li seta' jmewwet id-daqqa*."[45]

Illi jirriżulta wkoll mill-konklużjonijiet tal-Perit Aquilina, kif ukoll mill-provi prodotti, li x-xogħol tal-armar tas-soqfa huwa xogħol ta' periklu kbir u għaldaqstant jeħtieġ attenzjoni ogħla minn dawk li qed jaħdmuh. Irriżulta, però, li fil-mument li seħħ l-inċident, Samuel Camilleri u George Cassar kienu f'inħawi differenti tal-binja. Illi fil-fehma tal-Qorti, George Cassar naqas bi kbir milli jevita' tali inċident u dan għaliex hu stess kien jaf li Samuel Camilleri ma kienx jaf jarma x-shuttering u kien ikun il-ħin kollu fuq il-mobile. Di più, fil-mument li seħħ l-inċident kienu huma t-tnejn biss fuq is-sit u b'hekk George Camilleri seta' faċilment jagħti aktar attenzjoni ta' fejn kien qiegħed Samuel Camilleri, partikolament meta kien konxju ta' dawn il-partikolaritajiet ta' Samuel Camilleri. Hawn si tratta ta' Cassar, li għandu esperjenza fit-tqegħid tas-soqfa u l-perikli abbinati ma' dan ix-xogħol flimkien ma' Camilleri li evidentement ma kellux esperjenza tax-xogħol u r-riskji abbinati. B'hekk Cassar kellu responsabiltà elevata fil-konfront ta' ħajjiet Camilleri.

---

[44] Illum regolament 5 tas-Sezzjoni II tat-Taqsima B tal-Iskeda IV tal-Avviż Legali 88 tal-2018.
[45] Ibid.

Illi di più, ma tressqet ebda prova quddiem din il-Qorti li fuq is-sit kien hemm preżenti ilbies protettiv bħal *hard hats, high visibility jackets, safety shoes* u apparat ieħor. Għalkemm Jason Zammit xehed li kien ikollhom l-ilbies protettiv, ma tressqet ebda prova li tikkorrabora din l-asserzjoni, partikularment meta Jeffrey Cassar ma kienx preċiż fil-kontro-eżami tiegħu dwar dan l-apparat protettiv u fejn attwalment jinżamm.

Ikkunsidrat;

Illi fid-difiża tagħhom l-akkużati jissottomettu illi Samuel Camilleri kien ikun ta' spiss fuq il-mobile tiegħu. Dan, filfatt jixhduh kemm Joseph Grech, Jeffrey Cassar u Jason Zammit. Joseph Grech, filfatt jgħid li dakinhar tal-inċident hu kien ġibed l-attenzjoni ta' Camilleri darbtejn biex jneħħi l-mobile minn idejh. Jason Zammit jgħid li George Cassar ma kienx iħallihom bil-mobile għax ix-xogħol kien perikoluż filwaqt li Jeffrey Cassar kien ukoll qallu dakinhar biex ineħħi l-mobile minn idejh. Illi mill-provi prodotti jirriżulta li din mhux l-ewwel darba li Samuel Camilleri kien juża l-mobile fuq il-lant tax-xogħol stante li x-xhieda jgħidu li ġieli nnutawħ fi ġranet ta' qabel. Fil-fehma tal-Qorti, kemm George Cassar *qua* kuntrattur kif ukoll Joseph Grech *qua* supervisor tal-proġett kellhom l-obbligu li jindirizzaw din il-kwistjoni tal-użu tal-mobile ma' Samuel Camilleri fosthom, per eżempju, billi jġiegħluh jitfi l-mobile waqt ix-xogħol tas-soqfa. Jidher pależement li minkejja li George Cassar u Joseph Grech kienu konxji tal-użu eċċessiv tal-mobile da parti ta' Samuel Camilleri, huma ma ħadu ebda pass effettiv sabiex irażżnu dan l-użu.

Illi dawn in-nuqqasijiet sopra esposti, esponew lil George Cassar għall-ksur tal-Artikoli 6(1)(2) tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, stante li dawn l-Artikolu jistabbilixxu d-dmirijiet ġenerali ta' min iħaddem.

Illi b'hekk, tenut kont ta' dak suespost, il-Qorti qed issib illi George Cassar ħati talli kiser ir-regolamenti 4, 5, 6, 10(1)(2), 11, 18, 21(1) tar- Regolamenti

dwar Disposizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol [L.S. 424.18], kif ukoll tar-regolamenti 4, 5, 6, 7, 8, 10, 11 u 17 tar-Regolamenti dwar Rekwiżiti Minimi għall-Użu ta' Tagħmir Protettiv Personali fuq ix-Xogħol [L.S. 424.21], tar-regolament 5 tas-Sezzjoni II tal-Parti B tal-Iskeda IV tal-Avviż Legali 281 tal-2004 u, finalment tal-Aritkolu 6(1)(2) u 38 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol [Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta] u dan kif misjuba **fit-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt** akkużi kif redatta mill-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu.

Ikkonsidrat;

Illi stabbilit dan kollu, imiss issa li l-Qorti terġa ddur fuq l-ewwel akkuża kif redatta mill-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu fil-konfront ta' George Cassar u Joseph Grech.

Illi minn dak appena espost, jirriżulta ampju li kemm George Cassar kif ukoll Joseph Grech naqsu milli jħarsu r-regolamenti relevanti u li jassiguraw is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u b'hekk imiss li l-Qorti tistabbilixxi jekk hemmx kawżalità bejn dan in-nuqqas u l-mewt traġika ta' Samuel Camilleri.

Illi in Difesa, l-akkużati jgħidu li Samuel Camilleri kien ġuvni li l-ħin kollu fuq il-mobile, ma kienx ikun moħħu hemm u anke li dakinhar tal-inċident, hu kien jidher viżwalment eċitat u li anke seta kellu xi argument ma xi persuna fuq il-mobile. Illi għalkemm mill-*call profile* ppreżentat mill-espert maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti Dr Martin Bajada kull ma joħorġu total ta' ħames kjamati, il-Qorti ma teskludix l-użu ta' apps bħal WhatsApp, Messenger jew app ieħor ta' komunikazzjoni li, għalkemm jintuża, ma' jinqabadx mill-*call profile* preżentat u b'hekk il-Qorti ma tistax tiskarta din is-sottomissjoni tad-difiża. Minkejja dan, il-Qorti semgħet ukoll li fil-ħin li seħħ l-inċident, għalkemm il-mobile ta' Samuel Camilleri kien qed idoqq, dan instab <u>fil-but ta' wara</u> tiegħu. Fatt li, fil-fehma tal-Qorti juri li għalkemm seta kien qed juża l-mobile matul il-ġurnata, fil-mument li seħħet il-waqa' dan ma kienx

f'idejħ, għax kieku ma kienx jinstab fil-but tiegħu. B'hekk il-Qorti tikkonkludi li m'hemm ebda element ta' negliġenza kontributorja fir-rigward ta' Samuel Camilleri u dana stante li fl-istanti li ppreċedew l-inċident ma kienx qed jagħmel użu mill-mobile tiegħu. B'hekk il-waqgħa seħħet unikament minħabba l-varji n-nuqqasijiet serji tal-akkużati kif hawn fuq deskritti.

Fi kwalunkwe każ, jiġi ribadit dak li rriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Angelus Bartolo et**[46]**,** u ċioè li:

> *"Fis-sistema penali taghna, il-contributory negligence tat-terz ma tezonerax lill-akkuzat mir-responsabbilta' kriminali sakemm ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru "**Il-Pulizija vs. P.Vassallo**." (App. Krim. Vol. XXXVIII,iv.p.883)*
>
> *Kif jghid **O.C. MAZENGARB** fil-monografija tieghu "Negligence on the Highway" (Butterworth's Edit.1962 p.327), citat b' approvazzjoni fl-Appell "Camilleri vs.Cutajar" [9.12.1968]*
>
>> *"If the defendant's conduct is itself negligent, he will not be heard to say that his negligence would not have resulted in damage unless somebody else had also been negligent. So long as the damage complained of is the natural and direct outcome of the original negligence, the wrongful interference of another will not relieve the defendant from responsibility.""*

Illi in vista ta' dan, il-Qorti qed issib illi kemm George Cassar kif ukoll Joseph Grech naqsu milli jħarsu r-regolamenti u b'riżultat dirett ta' dan in-nuqqas, Samuel Camilleri waqa' minn fuq ix-shattering bil-konsegwenza li tilef ħajtu. B'hekk, il-Qorti qed issib lil Joseph Grech u George Cassar ħatja

[46] **Il-Pulizija vs Angelus Bartolo et**, Qorti tal-Appell Kriminali, 11 ta' Jannar 2007, (Appell Krim Nru 123/2006)

tal-Artikolu 225(1) tal-Kodiċi Kriminali kif misjuba fl-ewwel akkuża kif redatta mill-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu.

Ikkunsidrat;

Illi George Cremona waħdu għandu l-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi f'dawn il-proċeduri ġew ippreżentati żewġ sentenzi mogħrija mill-Qorti Tal-Maġistrati fil-konfront tiegħu: Waħda erogata nhar is-17 ta' Novembru 2016[47] u oħra nhar il-15 ta' Jannar 2015.[48] Illi peress li l-inċident seħħ fit-23 ta' Frar 2016, il-Qorti se tiskarta kompletament is-sentenza tas-17 ta' Novembru 2016. Xehed ukoll id-Deputat Reġistratur, illum Reġistratur, tal-Qrati u Tribunali Kriminali Franklin Calleja[49] fejn ikkonferma li ma kienx hemm appelli mis-sentenza tal-15 ta' Jannar 2015 u li l-multa imposta tħallset fid-19 ta' Jannar 2015.

B'hekk il-qorti hija sodisfatta li l-addebitu tar-reċidiva, kif kontemplat fis-seba' akkuża kif redatta mill-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu hija ampjament sodisfatta.

Ikkunsidrat;

Illi fir-rigward tal-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti fl-ewwel lok tqis li din it-traġedja setgħet jiġi evitat kieku l-akkużati użaw il-kawtela u d-diliġenza rikjesta għat-tip ta' xogħol li kien qed jiwettaq. B'hekk, fil-fehma tal-Qorti, il-piena għandha sservi kemm ta' twiddiba serja lill-akkużat tan-nuqqas tagħhom li jottemporaw ruħhom mal-liġi kif ukoll ta' deterrent għal persuni

[47] A fol. 308 tal-Atti Proċesswali.
[48] A fol. 348 tal-Atti Proċesswali.
[49] Ara x-xhieda mogħtija fil-25 ta' Settembru 2020 a fol. 613 tal-Atti Proċesswali.

oħra responsabbli minn siti ta' kostruzzjoni fejn il-perikli huma omnipreżenti u għandhom jiġu temperati kemm jista' jkun.

Illi min-naħa l-oħra, il-Qorti tara li għalkemm kull mewta fuq il-post tax-xogħol hija serjissima, iċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ ma jimmeritawx li l-akkużati jingħataw piena karċerarja effettiva, iżda l-piena għandha tkun waħda monetarja effettiva.

Illi fid-dawl tal-akkużi diversi miġjuba fil-konfront tagħhom, il-Qorti tqis li l-piena ta' George Cassar għandha tkun waħda severa għaliex apparti mill-akkuża tal-qtil involontarju ta' Samuel Camilleri u l-akkużi tal-ksur tal-liġijiet tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post ta-xogħol, huwa għandu wkoll l-addebitu tar-reċidiva. Fir-rigward ta' Joseph Grech, il-piena trid tkun waħda severa wkoll peress li apparti l-akkuża marbuta mal-qtil involontarju ta' Samuel Camilleri u apparti l-ksur tal-liġijiet rigwardanti saħħa u s-sigurtà fuq il-post ta-xogħol, huwa kien ukoll is-supervisor tal-proġett u n-nuqqasijiet tiegħu huma serjissimi. Dwar Anthony Sammut, il-Qorti tqis li l-piena tiegħu għandha tkun inqas severa minn ta' Joseph Grech u George Cassar peress li l-akkużi fil-konfront tiegħu huma limitati għall-ksur tal-liġijiet rigwardanti saħħa u s-sigurtà fuq il-post ta-xogħol.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti, wara li rat l-akkużi miġjuba qed issib:

1. Fil-konfront **George Cassar**, wara li rat l-artikoli 17, 23, 31, 225(1) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 6(1), 6(2) u 38(3) tal-Att Dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol, Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta; ir-regolamenti 4,5,6,10(1)(2), 11, 18 u 21(1) tal-Avviż Legali 36 tal-2003

(Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol – Leġislazzjoni Sussidjarja 424.18); ir-regolament 5 tal-Iskeda IV (Parti B, Sezzjoni II) tal-Avviż Legali 281 tal-2004 (Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni) – Leġislazzjoni Sussidjarja 424.29) [kif kienet il-liġi fi żmien ir-reat. Din il-liġi ġiet sostitwita permezz tal-Avviż Legali 88 tal-2018 (Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni) – Leġislazzjoni Sussidjarja 424.36], ir-regolamenti 4,5,6,7,8,10,11, u 17 tal-Avviż Legali 121 tal-2003 (Regolamenti dwar Rekwiżiti Minimi għall-Użu ta' Tagħmir Protettiv Personali fuq ix-Xogħol – Leġislazzjoni Sussidjarja 424.21) u fl-artikolu 6(2) u 6(4) tal-Att Dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol, Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; qed issib lill-istess **George Cassar <u>ħati</u>** tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt, is-seba' u t-tmien akkużi kif miġjuba mill-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu u qed tikkundannaħ għal multa komplessiva ta' għaxart' elef Ewro (€10,000) filwaqt li qed tilliberaħ mill-bqija;

2. Fir-rigward ta' **Joseph Grech**, wara li rat l-artikoli 17, 23, 31, 225(1) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ir-regolamenti 3(1),4, 5, 6 tal-Avviż Legali 281 tal-2004 (Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni) – Leġislazzjoni Sussidjarja 424.29) [kif kienet il-liġi fi żmien ir-reat. Din il-liġi ġiet sostitwita permezz tal-Avviż Legali 88 tal-2018 (Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni) – Leġislazzjoni Sussidjarja 424.36] qed issib lill-istess **Joseph Grech <u>ħati</u>** tal-ewwel, id-disgħa, l-għaxar, il-ħdax, it-tnax u t-tlettax-il akkuża kif miġjuba mill-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu u

qed tikkundannaħ għal multa komplessiva ta' disat' elef Ewro (€9,000) filwaqt li qed tilliberaħ mill-bqija;

3. Fir-rigward ta' **Anthony Sammut**, wara li rat l-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ir-regolamenti 3(1),4(2)(3)(4), 5, 6 tal-Avviż Legali 281 tal-2004 (Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni) – Leġislazzjoni Sussidjarja 424.29) [kif kienet il-liġi fi żmien ir-reat. Din il-liġi ġiet sostitwita permezz tal-Avviż Legali 88 tal-2018 (Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni) – Leġislazzjoni Sussidjarja 424.36] qed issib lill-istess **Anthony Sammut** **ħati** tad-disgħa, għaxar, ħdax u tnax-il akkuża kif miġjuba mill-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu u qed tikkundannaħ għal multa komplessiva ta' sebat' elef Ewro (€7,000) filwaqt li qed tilliberaħ mill-bqija;

Illi finalment, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tikkundanna lil George Cassar, Joseph Grech u Anthony Sammut, *in solidum* bejniethom iħallsu s-somma komplessiva ta' elfejn u ħamsa u tmenin Ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€2,085.96) lir-Reġsitratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, rappreżentanti spejjeż u drittijiet konnessi ma' din il-kawża.

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**